**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Marzu 2024**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1191/2023 JVC**

**Christ Agius (K.I. 176889M) u Sean Parnis (K.I. 79296M)**

**vs**

**Alessandro sive Alex Mercieca (K.I. 85363M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Christ Agius prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti kienu nkarigati jagħmlu xogħol ta' Appalt minn Alex sive Alexander Mercieca ġewwa sit ta' kostruzzjoni li tinsab ġewwa Triq San Guzepp, Pieta.

2. Illi minkejja dan il-ftehim, u minkejja li dan ix-xogħolijiet kien bdew u kważi spiċċaw, Alex Mercieca naqas milli jonora l-istess ftehim dwar pagamenti, minnu ffirmat dwar ħlasijiet kemm fl-ammont u kemm fiż-żmien.

3. Illi dawn ix-xogħolijiet kienu ġew iċċertifikati li kienu twettqu mill Perit ta' Alex Mercieca stess, iżda ma kienux saru l-ħlasijiet dovuti u għad fadal bilanċ ta' sebgħa u erbghajn elf, mitejn u wieħed u ħamsin Ewro. (€47.251.00)

4. Illi Alex Mercieca kien ġie mitlub iħallas għax xogholijiet li kienu qed issiru iżda huwa baqa inadepjanti u fil-fatt dawn ix-xogholijiet tkomplew kważi sa l-aħħar fejn kienet intbaghtitlu 'Talba għall ħlas skond Dok B l-ammont ta' seba u erghajn elf, mitejn u wieħed u ħamsin Ewro,(€47,251.00) fl-erbghatax (14) ta' Lulju, tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin. 14ta' Lulju, 2021 bħala ħlas dovut.

5. Illi minn din is-somma dovuta lillhom r-rikorenti ma rċevew l-ebda ħlas.

6. Illil-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Dorian Sciberras datat nhar it-timtgħax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. ) li permezz tiegħu l-intimat ikkostitwixxa ruħu vera, ċert u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgħa u erbgħajn elf,

mitejn u wieħed u ħamsin Ewro (€47,251). (mingħajr imgħaxijiet)

7. Illi skont dan il-ftehim l-intimat obbliga ruħu li jħallas dan l-ammont sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin. (30.09.2022).

8. Illi l-intimat kien obbliga ruħu ukoll, li jħallas ukoll rata ta' interessi ta tmienja fil-mija (8%) li jibda jiddekorri fuq il-kapital skont il-ftehim u cioe' l-iskrittura privata li saret quddiem in-Nutar James Grech.

9. Illi *ai termini* ta' l-istess kostituzzjoni ta' debitu ċitat aktar il fuq dan id-debitu kellu jkun saldat entro it-Tletin ta` Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (30.09.2022).

10. Illi minkejja dan il-ftehim l-ebda ammont ma ġie saldat, għaldaqstant l-intimat Mercieca ma żammx mat-termini ta` l-istess kostituzzjoni ta` debitu u l-obbligi kif hemm miftehem.

11. Illi r-rikorrenti nonostante li diversament ikkomunikaw mal-intimat (tramite l-avukati tal-fiduċja ) u dan primarjament sabiex jipprovaw jiġbru dak dovut lilhom, mhux talli l-intimat ma onorax dak illi kien oriġinarjament pattwit, imma r-rikorrenti spiċċaw preżentati u rinfaċċati b`ħafna skużi u wegħdiet.

12. Illi peress li l-intimat naqas milli jottempora ruħu mal-ħlas ta` l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, għalhekk ir-rikorrenti kellhom jintavolaw din l-azzjoni sabiex jitħallsu s-somma rimanenti ta' sebgħa u erbgħajn elf, mitejn u wieħed u ħamsin Ewro (€47,251) flimkien mas-somma ta' sitt t'elef,

mitejn u ħames Ewro €6,205.00, li huma imgħaxijiet sal-ġurnata meta qed jiġu ntavolati dawn il-proċeduri.

13. Illi għalhekk ir-rikorrenti għandhom id-dritt illi jesiġu li jitħallsu s-somma ta` sebgħa u erbgħajn elf , mitejn u wieħed u ħamsin Ewro (€47,251) għax-xogħolijiet li saru flimkien ma imgħaxijiet.

14. Illi huwa ċar, u bla ebda ombra ta' dubju, mid-diċitura ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppublikat in atti tan-Nutar Dorian Sciberras datat nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti, liema dejn huwa wieħed ċert likwidu u dovut.

15. Illi fl-opinjoni umli tar-rikorrenti l-intimat Alessandro sive Alex Mercieca m'għandux eċċezzjonijiet x`jagħti w għalhekk il-kawża tista` tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

16. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li jafu dawn il-fatti personalment.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

**[1] Taqta` u Tiddeċiedi** l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u ċioe' bid-dispensa tas-smiegħ;

**[2] Tiddikjara** l-intimat bħala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, mitejn u wieħed u ħamsin Ewro (€47,251) piu s-somma ta' sitt t'elef, mitejn u ħames Ewro (€6,205.00) *[li huma imgħaxijiet sal-ġurnata meta qed jiġu*

> *ntavolati dawn il-proċeduri]* li jammontaw għat-total ta' tlieta u ħamsin elf erbgħa mija, sitta u ħamsin Ewro (€53.456.00) li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;
>
> **[3] Tiddikjara u Tordna** l-intimat jħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu.'

Rat illi l-intimat Alessando Mercieca fl-atti gie debitament notifikat permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni kif ordnat minn din il-Qorti u rat li Alessandro Mercieca meta giet imsejjha l-kawza llum stess, ghalkemm imsejjah diversi drabi naqas milli jattendi.

Rat li fil-verbal tal-lum stess l-intimat Alessando Mercieca giet dikjarat kontumaci.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Christ Agius fis-seduta tal-lum stess.

Rat li r-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghad-decizjoni stante li l-kawza odjerna giet prezentata bil-procedura sommarja tal-giljottina.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu semghet ix-xhieda tar-rikorrent Christ Agius llum stess (liema xhieda ma gietx irrekordjata) li bil-gurament ikkonferma li l-ammont indikat fir-rikors guramentat ghadu dovut mill-intimat;

Rat ukoll l-affidavit ta' Christ Agius a fol. 5 tal-process fejn jikkonferma li huwa dovut l-ammont intier ta' tlieta u hamsin elf, erbgha mijha, sitta u hamsin Ewro (€53,456.00);

Rat l-affidavit tar-rikorrent l-iehor Sean Parnis li jikkonferma wkoll bil-gurament li l-ammont indikat ghadu dovut mill-intimat;

Rat l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Dorian Sciberras datat 18 ta' Jannar, 2022 minn fejn temani l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat a fol. 7 et seq tal-process.

Illi mill-provi fl-atti u wkoll mill-fatt li l-intimat ma deherx biex tikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrenti l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta.

Bl-imghax skont u l-ligi u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**7 ta' Marzu 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Marzu 2024**